# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. J.A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 19 ta’ Gunju, 2001**

**Numru 30**

**Cit. Nru. 3391/96 GV**

**John u Louise konjugi Giordmaina**

**vs**

**Joseph Pace u martu Mary Carmen sive Mary Pace**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari: Ic-Citazzjoni ta’ l-atturi</u>**

B’citazzjoni fl-ismijiet premessi l-atturi wara li ppremettew hekk:

“Premess illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-attur fis-somma komplessiva ta’ Lm70,000 sebghin elf lira Maltija, liema ammont jirrapresenta import ta’ kambjala debitament iffirmata u accettata mill-istess konvenuti fis-16

ta' Gunju 1994, limea kambjala skadiet fis-sittax ta' Gunju 1996, u kopja ta' liema hija hawn annessa Dokument A.,

Premess illi b'ittra tal-konsulent legali tieghu tat-12 ta' Novembru 1996 (kopja annessa Dokument B) l-konvenuti gew mitluba jhallsu l-importa ta' l-istess kambjala;

Premess illi d-debitu huwa wiehed cert, likwidu u skadut u hija applikabbli c-citazzjoni sommarja bid-dispensa tas-smiegh u dana skond l-artikolu 167 et seq tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-istess konvenuti ma ghandhomx ebda eccezzjoni valida x'jissollevaw ghat-talba attrici."

Talbu l-konvenuti dik il-Qorti

(1) Taqta u tiddeciedi dina l-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe, bid-dispensa tas-smigh;

(2) Tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm 70,000 sebghin elf lira Maltija import ta' kambjala iffirmata u accettata mill-istess konvenuti fis-16 ta' Dicembru 1994, liema kamjala skadiet fis-16 ta' Gunju 1996;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra tat-12 ta’ April 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.”

**L-eccezzjonijiet tal-Konvenuti**

2. Il-konvenuti eccepew kif gej;

“Illi l-ewwel u qabel kollox l-attur naqas li jiddepozita fil-Qorti il-kopja originali tal-kambjala, kif rikjesta mill-ligi u ghandu jaghmel dan a spejjez tieghu permezz ta’ nota.

(i) In-nullita tac-citazzjoni stante li ma gietx istitwita ukoll mill-mara ta’ l-attur

(ii) In-nullita tal-kambjala in kwistjoni stante li ma giet iffirmata mill-attur u lanqas mill-mara tieghu kif mitlub mill-ligi;

(iii) Minghajr pregudizju ghal dak li ntqal fuq, in-nullita’ tal-kambjala in kwistjoni stante li din saret biex tahbi kuntratt ta’ self fejn l-interessi mitluba huma akbar minn dak permess mill-ligi;

(iv) L-inapplikabilita’ tal-artikolu 198 tal-Kodici Kummercjali peress li l-ligi li tipprojbixxi l-uzura tikkostitwixxi regola ta’ Ordni Pubbliku;

(v) Illi s-somma mislufa kif ukoll l-interessi legali fuq l-istess thallsu u dan kif jidher car mic-“cheques” imsarrfa;

(vi) Illi ghal dawn ir-ragunijiet is-somma vantata mill-attur ma hijiex dovuta u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez; Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

**Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti**

3. B’sentenza taghha tas-26 ta’ Frar 1999 l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza fl-ismijiet premessi billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konventi, cahdet l-ewwel talba attrici stante kontestazzjoni u laqghet it-tieni talba attrici bl-imghax u l-ispejjez kontra l-Konvenuti.

**L-Appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza appellata in kwantu l-Ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet taghhom u b’hekk laqghet it-tieni talba attrici bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenuti u ghaldaqstant jinterponew l-appell fuq l-aggravji segwenti:

(a) Il-konvenut kien eccepixxa n-nullita tal-kambjala' stante li ma gietx iffirmata mill-attur jew mill-mara tieghu skond il-ligi. Jidher, pero, li l-Ewwel Qorti, issorvolat ghal kollox din l-eccezzjoni u fil-fatt fis-sentenza odjerna din l-eccezzjoni ma gietx imsemmija u lanqas ma giet ittrattata mill-Ewwel Qorti.

Il-kambjala in kwistjoni, anke kif jidher mill-atti tal-kawza premessa ma gietx iffirmata mit-traent, u cioe l-attur f'din il-kawza. Sussegwentement din il-kambjala giet accettata mill-Konvenut. Nonostante din l-accettazzjoni hi l-umli tezi ta' l-appellant li il-kambjala xorta wahda tibqa nulla u dan minhabba dawk ir-ragunijiet li ser jigu hawnhekk spjegati.

L-Artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi li "Il-Kambjala ghandha tkun ifirmata minn min jigbidha." Il-principju kostantement sorrett mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna hi li kambjala li ma tkunx hekk iffirmata tkun nulla (ara per ezempju *Michele Galea vs. Rev. Paolo Grech Delicata* Vol. III-480; *Alberto Parnis et vs William Rutter* Vol. XXVI-I-2-135; *Walter Zammit vs. Pio Callus, K*umm, dec. 09.09.1981.)

Il-kwistjoni li tinholoq ghalhekk hi min hi il-persuna li gibdet il-kambjala in kwistjoni u fejn tinsab il-firma ta' din il-persuna.

Fatti simili ghal dawk odjerni gew quddiem l-ezami tal-Qorti kummercjali fil-kawza *Edward Vincenti Kind vs Carmelo Abdilla et,* deciza minn dik il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1954. Il-Qorti tal-Kummerc kienet dahlet fil-fond ta' din il-kwistjoni, u dan wara li ezaminat u spjegat it-terminologija rilevanti.

L-esponent jissottometti li il-kambjala mertu tas-sentenza appellata hi kambjala improprja fejn jippartecipaw tlett persuni u cioe it-traent, f'dan il-kaz l-attur, it-trattarju jew l-accettant (the acceptor), f'dan il-kaz il-konvenut, u l-prenditur li huwa l-attur odjern. Kif gia gie brevement sottomess il-Qrati taghna rritenew kostantement li n-nuqqas tal-firma tat-traent fuq il-kambjala kienet tirrendi dik il-kambjala nulla. Il-firma tal-accettant ma tissanax dan in-nuqqas (ara per ezempju *Giuseppe Camilleri vs Gaetano Sacco et* Vol. XXVI-III-728).

Il-punt li ghalhekk ghandu jigi ddeterminat hi jekk il-kambjala mertu ta' din il-kawza kienitx iffirmata mit-traent. Il-Qorti Kummercjali, fil-kawza hawn fuq citata kawza *Edward Vincensti Kind vs Carmelo Abdilla et,* ghamlet is-segwenti analizi rilevanti ghall-kaz in ezami.

Il-Qorti fil-fatt kienet iccitat il-Vivante "Questa ubicazione non e' necessaria, purche' risulti senza ambiguita' chi e' il traente o l'emittente".

Il-kambjala mertu ta' l-appell odjern hi ffirmata biss mill-konvenut u l-mara tieghu. Dawn iz-zewg firm jinsabu traversalment fin-naha tax-xellug that il-kliem "*I accept and sign*". Fil-post fejn, skond il-prassi u l-uzu kummercjali normalment jiffirma it-traent ma hemmx firma, pero' hemm stampati l-kliem "John Giordimaina" b'mod li jwassal biex wiehed jikkonkludi logikament li hemmhekk fuq dik il-kitba kellu jiffirma l-istses John Giordimaina, cioe' it-traent. Dan ma ffirma mkien fuq il-kambjala. Min-naha tieghu l-konvenuti huma indikati fuq l-istess kambjala bhala l-accettanti, fi kliem iehor it-trattarju.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li l-konvenuti ma humiex it-traenti u li, in mankanza tal-firma tat-traent, il-kambjala in kwistjoni hi nulla. L-aggravju ta' l-appellant jirrisjedi fil-fatt li l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox l-eccezzjoni in materja. Jidher li l-ewwel thawdet billi l-konvenut Joseph Pace kien gharaf il-firma fuq il-kambjala. Ma huwiex kontestat li l-kambjala giet iffirmata minn Pace. L-eccezzjoni tal-kovnenuti kienet in effetti li l-kambjala ma gietx iffirmata mill-attur jew mill-mara tieghu. Ghaldaqstant giet eccepita in-nullita' tal-kambjala in kwistjoni.

b. In vista ta' dan l-appellant hass ruhu aggravat ulterjorment billi l-ewwel Qorti kellha ssib li l-artikolu 198 tal-Kodici kummercjali kien inapplikabbli ghall-kaz. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kellha d-dmir li

tisma' u tezamina l-provi dwar in-negozju a bazi ta' liema saret il-kambjala. L-ewwel Qorti assumiet li sakemm kien hemm il-firma tal-konvenut, il-kambjala kienet valida. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma dahlitx il-mertu tan-negozju li kien ghaddej bejn il-partijiet qabel ma saret il-kambjala.

c. L-appellant, bla pregudizzju ghall-aggrvji l-ohra tieghu hass ruhu aggravat ukoll billi l-ewwel Qorti rriteniet li kien verosimili li l-konvenut kien issellef is-somma ta' Lm70,000 minghand l-atturi u li l-kambjala in kwistjoni kienet saret in garanzija ta' dan is-self minghajr ma kellha quddiemha provi li jiggustifikaw tali konkluzjoni.

Il-fatti, in breve, u anke kif jirrizultaw mill-provi migbura, huma kif gej: Il-konvenut kien issellef ammont ta' flus minghand l-attur. Dan is-self kien sar permezz tal-kugin tal-konvenut, li wkoll jismu Joseph Pace. Jidher li l-konvenut kien issellef ammont ulterjuri minghand l-attur flimkien ma' terza persuna. Din it-terza persuna, certu Charles Fenech, ammettiet li dan is-self kollu kien thallas lura mill-konvenut.

Il-konvenut jinnega li qatt kien issellef ammont iehor minghand l-attur. L-attur min-naha tieghu jghid li kien sar self ta' somma ulterjuri ta' Lm70,000 u li l-kambjala in kwistjoni kienet inharget biex tkopri din is-somma. It-tezi ta' l-attur, pero' ma hijiex sorretta mill-evidenza migbura.

Fil-fatt, skond ix-xhieda li ta' Joseph Pace (is-sensar) l-attur kien qieghed jippretendi li ma thallasx l-ammont kollu li kien dovut lilu fuq is-self. Ftit wara l-attur kien iffaccja lill-konvenut u dawn kienu ftehmu li jiltaqghu ghand in-nutar Pierre Cassar. Apparentement kull ma gara kien li l-konvenut gie rinfaccjat b'xi dokument flimkien ma' kambjala, liema dokument u kambjala kien gie mitlub jiffirma. Peress li ma kienx hemm il-mara tal-konvenut in-Nutar irrifjuta li jaghmel kuntratt, pero' xorta wahda ghadda il-kambjala lill-konvenut sabiex dan igib il-firma tal-mara.

In-nutar Pierre Cassar, fix-xhieda tieghu jghid li ma kienx jaf jekk il-kuntratt li kien ipprepara "kienx ta' self jew ta' kostituzzjoni ta' debitu". Fil-fatt in-nutar ma dahalx fl-ammont li kien dovut u qal "kienu qaluli cifra u nizziltha". Fil-fatt il-partijiet kienu marru ghand in-Nutar "biex jirregolaw ruhhom" pero' in-nutar ma jiftakarx ezattament x'kien li kellu jigi regolat.

Fiz-zmien li kienet giet iffirmata il-kambjala u li sar l-inkontru ghand in-Nutar, il-konvenut kien qieghed jghix fi stat ta' biza, peress li dak iz-zmien kien qieghed isirlu hafna theddid u fil-fatt kienu saru attentati fuq hajtu. Dan ma kienx kontestat mill-atturi. L-istat ta' biza huwa gustifikazzjoni ghall-agir tal-konvenut f'dan il-perijodu u huwa verosimili

li ffirma il-kambjala that pressjoni. Fil-fatt il-kuntratt ma giex iffirmat ghaliex in-nutar ma riedx li din tigi iffirmata, u ghal ragunijiet ovvji.

Il-fatti kif jirrizultaw fuq analizi tax-xhieda huwa ghalhekk li l-konvenut kien issellef darba biss minghand l-attur (apparti t-tieni self ma' terzi). L-attur dejjem ried iktar flus u f'mument meta sab lill-konvenut dghajjef irnexxielu jottjeni l-kambjala in kwistjoni. Il-kambjala ghalhekk kienet intiza semplicement sabiex tahbi l-imghaxijiet li l-attur kien qed jippretendi ghas-self maghmul minnu lill-konvenut antikament.

Illi bil-provi kollha migbura l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzzjoni li l-affarijiet ma kienux semplici daqs kemm kien qieghed ipittirhom l-attur. Fil-fatt l-iktar provi mportanti f'dan is-sens huma x-xhieda tan-nutar u x-xhieda tas-sensar. Minn qari akkurata tax-xhieda ta' dawn it-tnejn jirrizulta li l-attur wahda kien ghamel self wiehed lill-konvenut. Minkejja li dan is-self thallas kollu l-attur baqa' jippretendi imghaxijiet ulterjuri. Din ghalhekk tikkostitwixxi uzura. Kif jirrizulta minn ezami hafif ta' l-ammonti in kwistjoni, l-ammonti li l-attur kien qed jitlob huma konsiderevoli.

L-appellant jissottometti li trattandosi ta' eccezzjoni ta' uzura l-ewwel Qorti kellha tidhol iktar bir-reqqa fil-fatti. Kif wiehed jista' jimmagina huma rarissimi dawk il-kazijiet fen l-uzura tirrizulta minn provi

dokumentarji u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ghandha tifli iktar bir-reqqa l-provi kollha li jkunu ingabru quddiemha. Hija l-umli tezi ta' l-appellant li l-ewwel Qorti, fuq il-fatti migbura ma setghetx teskludi, kif fil-fatt ghamlet, il-possiblita' ta' l-uzura. Per ezempju, apparti x-xhiedha ta' l-attur innifsu ma hemm l-ebda prova konkreta li l-konvenut kien issellef is-somma in kwistjoni minghand l-attur.

d. Ir-raba aggravju ta' l-appellant tikkoncerna l-eccezzjoni tan-nullita' tal-kambjala stante li din hi kolpita bl-uzura li tikkostitwixxi regola ta' ordni pubbliku u li hi ghaldaqstant inderogabbli. Kif jirrizulta ampjament mill-provi migbura, il-kambjala in kwistjoni ttiehdet sabiex tahbi l-imghaxijiet oltre dawk permessi mil-ligi. Illi ghalhekk il-kawza illecita tal-kambjala ggib il-konsegwenti nullita' tal-kambjala. L-appellant hass ruhu aggravat billi l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni minghajr ma kkunsidrat jekk fil-mertu kienx hemm l-uzura.

e. Il-hames aggravju ta' l-appellant, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra hawn dedotti jirrisjedi fil-fatt li l-Qorti, fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet kollha, irriteniet li kienet dovuta somma flus lill-atturi minghajr ma rat jew talbet li tar konteggji, "statements" jew provi ohr dwari l-bilanc effettivament pendenti. Illi trattandosi ta' somma ngenti, u minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif gew hawnhekk brevement deskritti, l-ewwel Qorti kellha tivverifika il-konteggi a bazi ta' liema

nhadmet il-kambjala. Din setghet u kellha taghmlu stante l-inapplikablita' ta' l-Artikolu 198 tal-Kodici Kummercjali ghall-kawza odjerna.

f. Is-sitt aggravju ta' l-appellant, minghajr pregudizzju ghas-suespost jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut ihallas l-imghaxijiet fuq il-kambjala. Pero' anke kif fehmet il-fatti l-ewwel Qorti, u kif xehed l-attur is-somma ta' Lm70,000 kif imnizzla fil-kambjala kienet gia tinkludi imghaxijiet ta' Lm7,500. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma setghet qatt tikkundanna lill-konvenut ihallas l-imghaxijiet fuq imghaxijiet gia likwidati imma kellha tikkundannah ihallas l-imghaxijiet fuq il-kapital misluf.

8. Ghaldaqstant l-appellanti, talbu li din il-Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata deciza fis-26 ta' Frar, 1998 billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad ghalhekk it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**<u>Ir-risposta ta' l-atturi appellati John u Louise konjugi Giordmaina</u>**

5. L-appellati wiegbu hekk:-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u ekwa u timmerita konferma u l-appell odjern huwa ntiz biss sabiex ikompli jtawwal iz-zmien li fih il-konvenuti ser ikunu obbligati jhallsu dak li huwa minnhom dovut;

Illi l-lanjanza principali tal-konvenuti tidher illi hija n-nullita' tal-kambjala in kwistjoni u l-fatt, skond il-konvenuti, illi l-ewwel Qorti naqset milli tezamina l-provi a bazi ta' liema negozju inharget l-istess kambjala;

Illi jidher car is-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti trattat il-kawza appellata bhala wahda normali ghall-kundanna ta' hlas ta' debitu u mhux bhala azzjoni kambjarja u dana wara li rrizulta n-nuqqas tal-firma da parti ta' l-attur fuq il-kambjala esebita;

Illi di fatti, u dana jirrizulta mill-atti processwali, l-ewwel Qorti stradat il-kawza bhala wahda ta' talba ghall-hlas ta' debitu tant illi l-partijiet resqu l-provi mhux dwar il-kambjala izda dwar in-negozju proprju li wassal biex saret il-kawza appellata;

In sostenn ta' dan issir riferenza ghall-diversi kawzi fosthom Vincenza Xuereb vs. Cecil Pace et. Noe (Qorti Kummerc 18 ta' Frar, 1977) fejn dik il-Qorti, nonostante illi ma kkunsidratx il-kambjala impunjata bhala valida xorta ghaddiet biex tikkunsidra jekk is-somma pretiza kienetx dovuta lill-attrici.

Fuq l-istess linji tas-sentenza precitata ssir riferenza wkoll ghall-kawzi Henry Pace versus Joseph Azzopardi (Vol. XLVIII, ii.1207), Dr. Giovanni Sammut versus John Conti (Vol. XXIX.iii.39) u Giuseppe Cachia versus Emmanuel Farrugia et (Vol. XXV.iii.659) fejn il-Qorti rriteniet: "se anche si volesse ritenere la cambiale come nulla in quanto cambiale, la scrittura sarebbe sempre una costituzione di debito a favore del possessore della scrittura medesima".

Illi aktar ricentement fil-kawza Alfred Calascione nomine versus Dottor Carmelo Mifsud Bonnici et noe (dec. 29 ta' Novembru, 1974) fejn ghalkemm il-kambjala giet dikjarta null gie ritenut illi:-

"….hu ormai pacifiku li t-talba attrici tista' tigi sostnuta 'per equipollens'. Li ghalkemm jirrizulta li l-kambjalijiet kienu nulli, pero' jirrizulta li s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont mitlub".

Illi fir-rikors ta' l-appell il-konvenuti jallegaw illi l-ewwel Qorti naqset milli tittratta l-eccezzjoni tan-nullita' tal-kambjala minnhom imressqa fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Illi jidher car mis-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti ghamlet dan meta fil-parti deciziva tas-sentenza taghha cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti. M'hemm ebda dubju illi l-ewwel Qorti, wara li sorvolat il-punt

preliminari tan-nuqqas ta' esebizzjoni tal-kambjala originali u n-nuqqas ta' l-istituzzjoni tal-kawza minn mart l-attur ghaddiet biex tiddelibera u tikkunsidra dwar il-mertu u cioe' dwar jekk id-debitu hux dovut bhala tali u jekk hemmx uzura;

Ill m'hemmx dubbju illi l-ewwel Qorti meta fil-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet riferenza "Dwar it-tieni eccezzjoni saret korrezzjoni kif jirrizulta mid-digriet a fol. 16", kienet qed tirreferi ghall-ewwel eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni stante li ma gietx ukoll istitwita mill-mara ta' l-attur. Illi tenut kont ta' dan l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkunsidra dwar il-mertu u cioe' dwar l-esistenza o meno tad-debitu u dwar l-uzura u dana ghamlitu a skorta tal-prattika normali addottata mill-Qrati taghna meta kambjala jkollha xi nuqqas materjali bhal fil-kaz in ezami;

Illi ghandu jigi rilevat illi kieku l-Qrati taghna ma jaddottawx dina l-procedura u jilliberaw mill-osservanza tal-gudizzju kull konvenut li jqajjem dina l-forma ta' eccezzjoni kull ma jigri hu illi jigu moltiplikati l-kawzi u jizdiedu l-ispejjez gudizzjarji li zgur mhux fl-interess tas-socjeta' in generali u tal-gustizzja in partikolari;

Illi meta wiehed jghaddi biex jezamina l-mertu s-sentenza ta' l-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi disturbata stante illi dina ghamlet apprezzat mirqum u studjat tal-provi li ressqu l-partijiet;

Illi jirrizulta illi l-firem fuq il-kambjala in kwistjoni huma dawk tal-konvenut u ta' martu u dana ikkonfermah l-istess konvenut fix-xhieda tieghu;

Illi di piu' il-konvenut meta xehed fis-seduta ta' l-24 ta' April, 1998 in kontro-ezami qal:

",,,,,NIKKONFERMA LI JIENA KELLI NHALLAS LIL GIORDMAINA SKOND IL-KAMBJALA". Ammissjoni ta' debitu aktar car minn dan zgur li ma jistax ikun hemm;

Illi oltre dan l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb hafna meta ghazlet li tistrieh mhux biss fuq il-kontradizzjonjiet tal-konvenut fix-xhieda tieghu izda fuq ix-xhieda skjetta u cara tan-Nutar Pierre Cassar li zgur ma kellu ebda interess fl-ezitu finali tal-kawza.

Illi di piu' irrizulta car mix-xhieda mressqa illi filwaqt illi l-attur kien dejjem konsistenti u fil-limitazzjonijiet edukattivi tieghu kellu dokumentazzjoni biex jipprova dak li qed jallega il-konvenut kien il-hin kollu jikkontradici lilu nnifsu. Kienu in effetti dawn il-fatturi li wasslu l-Qorti ghall-konkluzzjonijiet taghha.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni, ghax m'hi xejn ghajr allegazzjoni ta' usura hawn ukoll il-kovnenut naqas illi jipprova dak li qed jallega u dana ghas-semplici raguni li ma kien hemm ebda uzura kif qed jallega – is-self kien in effetti ta' Lm62,500 li peress illi kellhom jithallsu fi zmien tmintax-il xahar bl-imghax ta' 8% gew kalkolati imghax ta' Lm7,500 u dana kif isir f'kull kaz meta jinhargu kambjali peress illi huwa fatt illi l-ammont fuq il-kambjala ser isir dovut f'data aktar 'il quddiem skond kif jiftehmu l-partijiet;

Illi mill-provi prodotti mill-kovnenut ma rrizultax illi l-kambjala saret biex tahbi xi imghaxijiet eccessivi u kien l-obbligu tal-konvenut illi jikkonvinci lill-ewwel Qorti li dak li qed jallega kien minnu. Dan naqas li jaghmlu aktar u aktar meta beda jallega li kien qed jigi mhedded u li saru bombi mal-proprjeta' tieghu izda filwaqt illi indika diversi persuni bhala suspettati naqas illi jindika lill-konvenut.

Ghaldaqstant l-esponenti, talbu illi dina l-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti".

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

6. Din is-sentenza skond verbal datat 31 ta' Ottubru, 2000, kellha tikkoncerna biss l-ewwel aggravju dwar in-natura ta' l-azzjoni.

7. Illi minn ezami ta' l-att tac-citazzjoni m'ghandux ikun hemm dubbju li l-azzjoni intentata mill-attrici hija wahda kambjarja, cioe' actio cambiaria. Dana jemergi kemm mill-premessi tac-citazzjoni promotrici surreferiti kif ukoll mit-talbiet li l-atturi appellati, li kollha huma impernjati fuq hlas ta' ammont relativ ghal import ta' kambjala ffirmata u accettata mill-istess konvenuti.

8. Illi in kontestazzjoni tat-talbiet attrici suesposti, il-konvenuti appellati ssollevaw tlett tipi ta' eccezzjonijiet, u cioe':-

(i) eccezzjonijiet ta' natura legali perentorji;

(ii) eccezzjonijiet legali dwar allegata nullita' ta' kambjala "de quo".

(iii) eccezzjonijiet ohra sussidjarji ankorke' bla pregudizzju li jattakkaw il-validita' tal-kambjala minhabba li din kienet wahda simulata, illecita u fiha tikkomprendi inoltre l-uzura.

9. Illi minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti wara li dehrilha li gew sanati l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti appellanti (u cioe' giet esebita l-kambjala originali u dahlet mart l-attur bhala parti fil-kawza) ghaddiet imbaghad biex tiddelibera u tiddeciedi l-meritu. Meta ghamlet dan pero' jirrizulta li dik il-Qorti injorat

jew issorvolat totalment l-eccezzjoni dwar in-nullita' tal-kambjala fis-sens li din ma gietx iffirmata la mill-attur u lanqas mill-mara tieghu kif mitlub mil-ligi" u, minflok, hija ghaddiet mill-ewwel fuq l-eccezzjonijiet l-ohra sussegwenti. Illi jekk wiehed jezamina sew l-atti tal-kawza u s-sentenza appellata, isib li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti gew ifformolati b'mod <u>li l-eccezzjoni preliminari ma gietx enumerata ukoll</u> b'mod li t-tieni eccezzjoni giet allura enumerata bin-numru wiehed u t-tielet eccezzjoni bin-numru tnejn. Illi meta l-ewwel Qorti elenkat ghat-tieni darba l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-parti preambulari tas-sentenza taghha that l-inciz "ECCEZZJONIJIET" <u>it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti enumerata minnhom bin-numru tnejn (2) giet sorvolata kompletament</u>. Issa li kieku dan il-"lapsus" ma giex ripetut fil-korp proprju tas-sentenza ma kien ikun hemm xejn irrimedjabbli imma meta s-sentenza effettivament injorat dina l-eccezzjoni u marret mill-ewwel fuq l-eccezzjonijiet sussegwenti, certament inholoq pregudizzju ghal dak li kien qed jigi eccepit mill-appellanti. Gara, infatti, li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-fatt li hawn primarjament si trattava ta' azzjoni kambjarja. Minflok, il-Qorti gharblet il-provi minn punto di vista biss ta' obbligazzjonijiet naxxenti minn mutwu u skartat l-eccezzjoni dwar il-validita' o meno tal-kambjala ghax mhix iffirmata kif suppost. Ir-rizultat kien li dak li ma sarx u li ma giex epurat debitament quddiem l-ewwel Qorti gie mqanqal u qed jigi dibattut <u>ghall-ewwel darba</u> fi stadju ta' appell.

10. Illi mqar jekk jista' jigi ritenut li, fi kwalsiasi kaz, ic-citazzjoni setghet tibqa' dejjem proceduralment salvabbli li kieku l-eccezzjoni dwar l-invalidita' jew nullita' tal-kambjala kellha tigi milqugha, xorta wahda ma setghetx l-ewwel Qorti tinjoraha, u, minghajr ebda motivazzjoni jew raguni, tghaddi, kif ghamlet, biex tikkonsidra t-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohrajn. Fi kliem iehor, trattandosi precipwament ta' azzjoni kambjarja, u b'eccezzjoni specifika min-naha tal-konvenuti dwar in-nullita' o meno taghha, tali eccezzjoni kellha f'kull kaz tigi espressament investita u deciza mill-Qorti – indipendentement mill-konsiderazzjoni sussidjarja dwar jekk l-azzjoni intentata tistax tigi mistharrga that aspetti ohrajn, meritu dan li jibqa' miftuh ghall-attenzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, b'dana li tordna li l-atti tal-kawza jigu mibghutin lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex wara li din tkompli tisma' l-kawza fid-dawl tas-suespost, tghaddi ghad-decizjoni taghha skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi l-kap ta' l-ispejjez jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet b'dan pero' li d-dritt tar-Registru jigi sopportat mill-atturi appellati. Ghal kull buon fini jigi pprecizat illi l-meritu ma kienx qed jigi definit f'din l-istanza.

Dep/Reg

mm